

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' April 2010 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-178/10)

(2010/C 161/82)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Diaz Abad)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— Tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Frar 2010, li permezz tagħha ġiet deċiża s-sospensjoni ta' talbiet għall-ħlasijiet interim imressqa minn Spanja bejn is-17 ta' Novembru u t-30 ta' Diċembru 2009 u, sussidjarjament, tannulla parżjalment l-imsemmija deċiżjoni fir-rigward tat-talbiet għall-ħlasijiet interim li ġejjin:

— 2007ES161PO008 Andalucía EUR 94 370 752,75

— 2007ES161PO008 Andalucía EUR 479 712 483,22

— 2007ES162PO001 Cantabria EUR 4 697 332,79

— 2007ES162PO006 Cataluña EUR 15 392 569,98

— 2007ES162PO008 Aragón EUR 12 451 358,48

— tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea kienet obbligata tħallas l-interessi minħabba d-dewmien fil-ħlas effettiv tat-talbiet interim indebitament iffriżati, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-preżenti rikors huwa intiż kontra d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinterrompi t-terminu perentorju għall-ħlas fir-rigward ta' ċerti talbiet għall-ħlasijiet imressqa minn Spanja bejn is-17 ta' Novembru u t-30 ta' Diċembru 2009. Din l-interruzzjoni taffettwa għoxrin talba għall-ħlasijiet interim għal ammont totali ta' EUR 1 890 708 859,51.

Insostenn tat-talbiet tiegħu r-rikorrent jinvoka l-motivi li ġejjin:

— Ksur tal-Artikolu 91(1)(a) tar-Regolament Nru 1083/2006<sup>(1)</sup>, sa fejn il-Kummissjoni, mingħajr ma pprovdiet rapport ta' korp ta' verifikasi nazzjonali jew Komunitarju li juri li hemm nuqqas sinjifikattiv fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u mingħajr ma kien jeżisti dan in-nuqqas, interrompiet, permezz tad-deċiżjoni kkontes-

tata, it-terminu perentorju għall-ħlas fir-rigward ta' ċerti talbiet għall-ħlasijiet imressqa minn Spanja.

— Ksur tal-istratgeġji ta' kontroll adottati mill-Kummissjoni minħabba li l-Kummissjoni interrompiet it-terminu perentorju għall-ħlas tal-imsemmija ħlasijiet interim peress li lkunsidrat li n-nuqqas ta' verifikasi tas-sistemi jikkostitwixxi dewmien sinjifikattiv fl-eżekuzzjoni tal-istratgeġji, filwaqt li l-imsemmija strategi jaġtu lir-Renju ta' Spanja sat-30 ta' Ġunju 2010 sabiex jippreżenta l-imsemmija verifikasi.

— Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata teżiġi li r-Renju ta' Spanja jippreżenta l-verifikasi tas-sistema iktar kmieni mill-iskeda miftiehma mal-Kummissjoni nnifisha, minkejja li din l-eżiġenza ma kinitx prevedibbli għall-awtoritat jiet Spanjoli.

— Ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġġittimi, sa fejn l-awtoritat jiet nazzjonali aġiixxew fid-dawl ta' skedi ta' verifikasi li l-Kummissjoni kienet approvat fl-istratgeġji, skeda li kienet qed tiġi osservata, mingħajr ma kien hemm xi indikazzjoni min-naħħa tal-Kummissjoni li hija kienet tissus-petta li kien hemm xi nuqqas fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

— Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn il-miżura adottata mill-Kummissjoni hija sproporzjonata u tmur kontra ġestjoni finanzjarja effikaċi u sa fejn jeżistu strumenti guriċi oħra li huma inqas onerużi sabiex jintlaħaq l-istess għan.

Sussidjarjament, ir-rikorrent jitlob li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata parżjalment minħabba ksur tal-Artikolu 87(2) tar-Regolament Nru 1083/2006, sa fejn il-ħlas tat-talbiet għall-ħlas inkwistjoni ma sarx fit-terminu ta' xahrejn mill-preżentazzjoni tat-talba.

Fl-aħħar nett, ir-Renju ta' Spanja jitlob il-ħlas ta' interassi matorji skont l-Artikolu 87(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1083/2006, l-Artikolu 83 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1605/2002<sup>(2)</sup> u l-Artikolu 106(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2342/2002<sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006, li jistabbilixxi d-dispożizzjoni jiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-İlvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, p. 25).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/25, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagħi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Volum 4, p. 74).

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskriwi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanżjari li jgħodd għall-bagħi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Volum 4, p. 145).